Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,573, 16 ta' Frar, 2021*

*Taqsima B*

**A.L. 52 tal-2021**

## ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

## Regolamenti tal-2021 li jemendaw is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 18 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mas-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 406.

Jemenda l-paragrafu (e) tal-partita 3 tas-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu (e) tal-partita 3 tas-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali, il-kliem "fejn id-depożitu jkun anqas mill-ispiża tal-pakkeġġar." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fejn id-depożitu jkun anqas mill-ispiża tal-pakkeġġar jew fejn id-depożitu jkun regolat skont ir-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ tal-Kontenituri tax-Xorb jew minn xi liġi oħra lil tista' tissostitwihom.".